**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 2-11

**Data: 21** ta' Frar 2011

**Hin:** 17.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera - skuzata
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

**1. Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 1.11 gew moqrija u approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Kunsillier Roderick Mizzi.

**2. Mill-Minuti:-**

2.1 Tariffi tal-MEPA fuq l-applikazzjonijiet godda – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li inhareg l-Avviz Legali nru 48/2011 dwar ir-regolamenti u l-hlasijiet tal-Ippjanar.

**3. Korrispondenza**

Festa Gemellaggi – Ser issir nhar il-11 u t-12 ta' April 2011. Korrispondenza importanti tintbghat bl-email.

**4. Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji**

L-Estimi Finanzjari ghas-sena 2011 gew ipprezentati u approvati b'vot unanimu.

**5. Pjanti ghac-Centru Civiku**

Is-Sindku ressaq il-pjanti tac-Centru Civiku ghad-diskussjoni u sar qbil li jsiru xi olterazzjonijiet fuq il-pjanta ezistenti ghall-kunsiderazzjoni tal-Perit. Wara ssir laqgha mal-perit sabiex issir it-tibdil mehtieg skond id-diskussjoni u l-pjanta olterata terga titressaq ghall-apporovazzjoni tal-Kunsill.

**6. Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti**

Giet apporvata l-lista ta' nfieq bin-numru 02/2011.

**6.1 Xogholijiet li ser ikunu qeghdin isiru matul din is-sena**

6.1a Il-latrina Pubblika fil-Pjazza Misrah Arcisqof Gonzi ser tinhadem mill-haddiema tal-Kunsill.

6.1b It-tlett sqaqien ser isiru bil-pavimentar mill-fondi tal-Urban Improvement Fund u ghalhekk ghandha ssir DNO tal-MEPA qabel ikun jista jibda x-xoghol.

6.1c Ftehim bejn l-Iskola Primarja tal-Kalkara u l-Kunsill dwar il-manutenzjoni ta' bicca art fi Triq is-Sienja konfini tal-iskola. Il-Ftehim sar ghal 10 snin sabiex din l-art titnaddaf, tithawwel mill-Kunsill Lokali u tintuza kemm mit-tfal tal-iskola, kif ukoll ghal xi attivitajiet relatati mal-progett mill-Kunsill Lokali.

6.1d Gie deciz li jigu ordnati zewg tabelli tat-traffiku li jitwahhlu fi Triq il-Missjoni Taljana fejn il-ground tal-futbol minhabba t-tfal li jistghu ikunu qieghdin jaqsmu t-triq fil-hin tal-uzu tal-ground. Gie deciz ukoll li sakemm tigi identifikata d-data ta' meta Triq il-Missjoni Taljana ser issir mill-gdid, il-Kunsill jiehu hsieb il-hlas ghall-gwardjan lokali nhar ta' Sibt filghodu sabiex dan jassisti lit-tfal jaqsmu t-triq.

**7. Aggornament**

7.1 Il-Vici Sindku Norbert Grech ghadda dawn il-punti:

a. Isir tindif regolari fl-area ta' Bighi fejn il-klabb tar-Regatta. Huwa sahaq li ghandha tingibed l-attenzjoni tas-sidien tad-dghajjes sabiex ma jintremiex skart goff fl-iskip.

Is-Sindku qal li jekk jigi nnutat li persuna partikolari tefghet skart goff gol-iskip ghandha tingibed l-attenzjoni ta' dik il-persuna immedjatament.

b. Issir bozza mal-kantuniera tad-dar San Guzepp fi Triq Santu Rokku. Is-Sindku qal li l-ewwel tigi identifikata jekk hux possibbli li ssir u wara jitkompla l-process.

c. Jimtlew diversi toqob fi Triq San Leonardu. Is-Sindku qal li dawn ghandhom jimtlew mal-ewwel cans.

7.2 Il-Kunsilliera Speranza Chircop ghaddiet dawn il-punti:

Attivita nhar it-13 t'April 2011 bil-prezenza tal-pulizija fejn ikellem lill-anzjani dwar is-sigurta taghhom.

7.3 Il-Kunsillier Roderick Mizzi ghadda dawn il-punti:

Jitpoggew bins fejn il-klabb tat-Tennis ta' Rnella.

| | |
|---|---|
| M.Cohen | S Galea Iriele |
| Sindku | Seg Ezekuttiv |